DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

tat-12 ta' Jannar 2017*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 2, 9, 26, 167, 168 u 173 — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Persuna taxxabbli li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi — Kumpannija holding li tipprovdi servizzi mingħajr ħlas lis-sussidjarji tagħha"

Fil-Kawża C-28/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Kúria (qorti suprema, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Jannar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Jannar 2016, fil-proċedura

MVM Magyar Villamos Művek Zrt.

vs

Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatóság,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn E. Regan, President tal-Awla, J.-C. Bonichot u C. G. Fernlund (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal MVM Magyar Villamos Művek Zrt., minn S. Vámosi-Nagy, u P. Vaszari, ügyvédek,

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Bóra, G. Koós u Z. Fehér, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn J. Kraehling u G. Brown, bħala aġenti, assistiti minn H. L. McCarthy, solicitor,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Bottka u L. Lozano Palacios, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

tagħti l-preżenti

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 2, 9, 14, 26, 63, 167, 168 u 173 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn MVM Magyar Villamos Művek Zrt. (iktar 'il quddiem "MVM") u Nemzeti Adó-és Vámhivatal Fellebviteli Igazgatósága (Direttorat tal-ilmenti tal-amministrazzjoni nazzjonali tat-Taxxi u tad-Dwana, l-Ungerija, iktar 'il quddiem l-"amministrazzjoni fiskali") dwar id-dritt ta' MVM għal tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li kienet imposta, bħala taxxa tal-input, fuq servizzi akkwistati għall-benefiċċju tas-sussidjarji tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

[…]

(ċ) il-provvista ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;

[…]"

4 Skont l-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva:

"Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

5 L-Artikolu 26(1) tal-imsemmija direttiva jipprevedi:

"Kull waħda minn dawn it-transazzjonijiet li ġejjin għandha titqies bħala provvista ta' servizzi bi ħlas:

[…]

b) il-provvista ta' servizzi magħmula mingħajr ħlas minn persuna taxxabbli għall-użu privat tagħha jew għall-persunal tagħha, jew b'mod iktar ġenerali, għal skopijiet barra dawk tan-negozju tagħha."

6 Skont l-Artikolu 167 tal-istess direttiva:

"Dritt ta' tnaqqis iseħħ fil-ħin meta t-taxxa mnaqqsa tiġi imposta."

7 L-Artikolu 168 tad-Direttiva 2006/112 jiddisponi:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mill-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;

[…]"

8 L-Artikolu 173(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Fil-każ ta' merkanzija [oġġetti] jew servizzi użati minn persuna taxxabbli kemm għal transazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-VAT tista' titnaqqas skond l-Artikoli 168, 169 u 170, u għal transazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-VAT ma titnaqqasx, it-tali proporzjon biss tal-VAT li hi attribwibbli għat-transazzjonijiet ta' qabel għandha l-possibbiltà li tiġi mnaqqsa.

[…]"

Id-dritt Ungeriż

9 L-Artikoli 2, 6, 14, 119, 120 u 123 tal-az általános forgalmi adóról szóló 2007. évi CXXVII. törvény (Liġi Nru CXXVII tal-2007 dwar il-VAT, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru CXXVII tal-2007 dwar il-VAT") tittrasponi fl-ordni ġuridiku Ungeriż rispettivament l-Artikoli 2, 9, 26, 167, 168 u 173 tad-Direttiva 2006/112. It-tfassil ta' dawn id-dispożizzjonijiet ta' dritt intern huwa, essenzjalment, identiku għal dak tal-artikoli tal-imsemmija direttiva li huma jittrasponu.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 MVM hija kumpannija kummerċjali tal-Istat attiva fis-settur tal-enerġija. Minn naħa, hija toffri għall-kiri impjanti tal-elettriku u netwerks ottiċi. Min-naħa l-oħra, hija proprjetarja ta' diversi kumpanniji li, prinċipalment, jipproduċu u jiddistribwixxu enerġija elettrika.

11 Bil-konklużjoni ta' kuntratt magħruf bħala "ta' dominazzjoni", fis-sens tad-dritt Ungeriż, mas-sussidjarji tagħha, MVM ikkostitwixxiet grupp ta' kumpanniji rrikonoxxut mill-istess dritt (iktar 'il quddiem il-"grupp"). Il-kostituzzjoni ta' tali grupp madankollu ma kellhiex bħala effett il-ħolqien ta' persuna ġuridika distinta jew it-tneħħija lill-membri tal-grupp tal-personalità ġuridika tagħhom. Barra minn hekk, il-membri tiegħu ma ssiħbux fl-iskema tal-issuġġettar tal-grupp għall-VAT.

12 Il-kawża prinċipali tirrigwarda d-deċiżjoni meħuda mill-amministrazzjoni fiskali wara verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' MVM dwar il-VAT għas-snin 2008 sa 2010.

13 Matul dan il-perijodu, MVM kienet responsabbli għall-ġestjoni strateġika tal-grupp. Hija użat, għal dan il-għan, is-servizzi legali, il-ġestjoni tan-negozju u r-relazzjonijiet pubbliċi għall-benefiċċju, l-ewwel nett, tagħha stess, sa fejn dawn is-servizzi ġew offruti fil-kuntest tal-attività tagħha ta' kiri ta' impjanti tal-elettriku u tan-netwerks ottiċi, suġġett, bħala tali, għall-VAT, it-tieni nett, il-grupp kollu u, it-tielet nett, kull membru ta' dan il-grupp. MVM naqset il-VAT rigward dawn is-servizzi kollha. Madankollu, anki fejn l-imsemmija servizzi kienu jservu l-interessi tal-grupp kollu jew kienu relatati direttament mal-attivitajiet intaxxati tal-membri l-oħra ta' dan il-grupp, MVM ma ffatturatx, b'xi eċċezzjonijiet, lis-sussidjarji tagħha. MVM lanqas ma imponiet, fi ħdan il-grupp, remunerazzjoni ġenerali għall-ġestjoni strateġika tagħha, b'tali mod li din il-ġestjoni kienet seħħet mingħajr ħlas.

14 L-amministrazzjoni fiskali kkunsidrat li l-VAT relatata ma' servizzi legali ta' ġestjoni tan-negozju u tar-relazzjonijiet pubbliċi ma setgħetx titnaqqas, skont il-Liġi Nru CXXVII tal-2007 dwar il-VAT, li sa fejn MVM kienet użat dawn is-servizzi sabiex taffettwa kunsinni ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi. Għalhekk, din l-amministrazzjoni rrifjutat lil MVM id-dritt għal tnaqqis tal-VAT relatata mal-imsemmija servizzi, peress li dawn tal-aħħar ġew użati fl-interess tal-membri l-oħra tal-grupp jew kienu servizzi ta' ġestjoni tal-impriża rigward b'mod partikolari l-akkwist ta' ishma (iktar 'il quddiem is-"servizzi inkwistjoni"). Fil-fatt, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-amministrazzjoni fiskali qieset li MVM kienet il-benefiċjarju finali ta' dawn is-servizzi.

15 MVM ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-amministrazzjoni fiskali, billi sostniet li s-servizzi inkwistjoni kienu kostituttivi ta' spejjeż ġenerali relatati mal-attività taxxabbli tagħha, peress li għandha l-kwalità ta' persuna taxxabbli għall-VAT li ma teżerċita l-ebda attività eżenti mit-taxxa. Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, MVM sostniet ukoll li l-assenza tal-fatturazzjoni tas-sussidjarji tagħha ma taffettwax id-dritt tagħha għal tnaqqis tal-VAT.

16 Il-qorti tal-ewwel istanza ċaħdet dan ir-rikors, għar-raġuni li s-servizzi inkwistjoni ma kinux ġew użati għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' attività tal-persuna taxxabbli għall-VAT u li ma kienx jeżisti dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa bħala taxxa tal-input għal tali servizzi.

17 MVM ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Kúria (qorti suprema, l-Ungerija).

18 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża li ġiet adita biha, MVM ġabet ruħha bħala kumpannija holding passiva fil-livell ta' fatturazzjoni, sa fejn is-sussidjarji tagħha ma kienu jħallsuha, fil-prinċipju, xejn iktar minn dividendi, iżda attiva fl-eżerċizzju tal-ġestjoni ċentralizzata tal-attivitajiet tal-grupp.

19 Issa, din il-qorti tosserva li, mill-perspettiva ekonomika, il-fatturazzjoni ta' servizzi minn kumpannija holding għas-sussidjarji tagħha hija biss, fuq livell ta' gruppi ta' kumpanniji purament nazzjonali, kwistjoni teknika. Barra minn hekk, lanqas ma tista' tkun kwistjoni ta' servizzi bla ħlas, peress li MVM kienet tirċievi dividendi ogħla għas-servizzi li tipprovdi, allegatament mingħajr korrispettiv, lis-sussidjarji tagħha.

20 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kúria (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Kumpannija holding li hija attiva fil-ġestjoni ta' ċerti attivitajiet tas-sussidjarji u tal-grupp ta' kumpanniji kollu kemm hu, iżda li ma tgħaddix fuq is-sussidjarji la l-prezz imħallas għas-servizzi li hija użat fil-kuntest tal-attività ta' kumpannija holding attiva tagħha u lanqas il-VAT fuq l-imsemmija servizzi, hija persuna taxxabbli suġġetta għall-VAT fir-rigward ta' dawn is-servizzi?

2) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, tista' l-kumpannija holding attiva, u, fl-affermattiv, b'liema mod, teżerċita d-dritt tagħha għat-tnaqqis tal-VAT relatata mas-servizzi użati minnha f'relazzjoni diretta mal-attività ekonomika suġġetta għall-VAT ta' kull sussidjarja?

3) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv, tista' l-kumpannija holding attiva, u, fl-affermattiv, b'liema mod, teżerċita d-dritt tagħha għat-tnaqqis tal-VAT relatata mas-servizzi użati fl-interessi tal-grupp kollu ta' kumpanniji?

4) Għandhom jinbidlu, u, fl-affermattiv, sa fejn, ir-risposti għad-domandi preċedenti meta l-kumpannija holding attiva titlob, min-naħa tagħha, ħlas mingħand is-sussidjarji għas-servizzi użati inkwistjoni bħala servizzi intermedjarji?"

Fuq id-domandi preliminari

21 Konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta domanda preliminari magħmula tkun identika għal domanda li dwarha hija tkun diġà ddeċidiet, meta r-risposta għal tali domanda tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għad-domanda preliminari ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

22 F'din il-kawża, hemm lok li jiġi applikat dan l-artikolu.

23 Permezz tal-erba' domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 2, 9, 26, 167, 168 u 173 tad-Direttiva 2006/112 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-interferenza ta' kumpannija holding, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha, meta hija ma ffatturatx lil dawn tal-aħħar la bil-prezz tas-servizzi li hija akkwistat fl-interess tal-grupp ta' kumpanniji kollu jew ta' xi wħud mis-sussidjarji tagħha u lanqas bil-VAT relatata, tista' tiġi kkunsidrata bħala "attività ekonomika", fis-sens ta' din id-direttiva, li tagħtiha d-dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa bħala taxxa tal-input għal dawn is-servizzi.

24 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, għalkemm id-Direttiva 2006/112 tagħti kamp ta' applikazzjoni wiesgħa ħafna lill-VAT, huma biss l-attivitajiet ta' natura ekonomika li huma koperti minn din it-taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-246/08, EU:C:2009:671, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, mill-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jirriżulta li, fost il-provvisti ta' servizzi magħmula fuq it-territorju ta' Stat Membru, huma suġġetti għall-VAT biss il-provvisti magħmula taħt titolu oneruż minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali.

25 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li attività hija, bħala regola ġenerali, ikklassifikata bħala "ekonomika" meta tkun ta' natura kontinwa u ssir bl-għoti ta' remunerazzjoni lill-awtur tat-tranżazzjoni (sentenza tad-29 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-246/08, EU:C:2009:671, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għandu jitfakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għal tnaqqis tal-VAT, previst fl-Artikoli 167 *et seq* tad-Direttiva 2006/112 jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT u, bħala prinċipju, ma jistax jiġi limitat. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat immedjatament fir-rigward tat-taxxi kollha imposti fuq it-tranżazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħlasijiet input (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 - Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punti 37 u 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27 Is-sistema ta' tnaqqis hija intiża sabiex l-imprenditur jinħeles għalkollox mill-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu kollha. Konsegwentement, is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi n-newtralità fir-rigward tal-piż fiskali tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, irrispettivament mill-għanijiet u r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet, sakemm l-imsemmija attivitajiet ikunu, fil-prinċipju, huma stess suġġetti għall-VAT (sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 - Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet materjali meħtieġa għall-implementazzjoni tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT, mill-Artikolu 168(a) tad-Direttiva 2006/112 jirriżulta li l-oġġetti jew is-servizzi invokati sabiex isir użu minn dan id-dritt għandhom jintużaw bħala tranżazzjoni tal-output mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati tagħha u li, dawn l-oġġetti jew is-servizzi għandhom jiġu pprovduti minn persuna taxxabbli oħra fi tranżazzjoni tal-input (is-sentenza tal-15 ta' Settembru 2016, Barlis 06 - Investimentos Imobiliários e Turísticos, C-516/14, EU:C:2016:690, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li sabiex il-VAT tkun tista' titnaqqas, it-tranżazzjonijiet tal-input imwettqa għandu jkollhom rabta diretta u immedjata ma' tranżazzjonijiet tal-output iktar tard li huma eliġibbli għal tnaqqis. Għalhekk, id-dritt għal tnaqqis tal-VAT li kienet imposta bħala taxxa tal-input fuq l-akkwist ta' oġġetti jew ta' servizzi jippreżupponi li l-ispejjeż inkorsi fl-akkwist ta' dawn l-oġġetti jew is-servizzi huma parti mill-elementi kostituttivi tal-prezz tat-tranżazzjonijiet intaxxati bħala taxxa tal-output li huma eliġibbli għal tnaqqis (is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, id-dritt ta' tnaqqis ta' kumpannija holding, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li ma għandhiex la l-istatus ta' persuna taxxabbli għall-VAT, fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/112, u lanqas id-dritt għal tnaqqis skont l-Artikolu 167 ta' din id-direttiva kumpannija holding li l-unika għan tagħha huwa l-kisba tal-ishma f'impriżi oħra mingħajr ma tinterferixxi direttament jew indirettament fil-ġestjoni ta' dawn l-impriżi, bla ħsara għad-drittijiet li din il-kumpannija holding għandha bħala azzjonist jew soċju (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Is-sempliċi kisba u s-sempliċi żamma ta' ishma ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala attivitajiet ekonomiċi fis-sens tad-Direttiva 2006/112, li jagħtu lill-awtur tagħhom il-karatteristika ta' persuna taxxabbli. Fil-fatt, is-sempliċi akkwist ta' ishma finanzjarji f'impriżi oħra ma jikkostitwixxix sfruttament ta' beni intiż biex jipproduċi dħul li għandu natura permanenti għaliex id-dividend eventwali, frott ta' dan is-sehem, jirriżulta mis-sempliċi proprjetà tal-beni (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Dan kollu ma japplikax meta s-sehem jinkludi interferenza diretta jew indiretta fil-ġestjoni tal-kumpanniji li fihom ikun sar l-akkwist ta' ishma, bla ħsara għad-drittijiet li jżomm il-proprjetarju tal-ishma bħala azzjonist jew bħala soċju (sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-interferenza ta' kumpannija holding fil-ġestjoni tal-kumpanniji li fihom hija akkwistat ishma jikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 sa fejn dan jimplika l-implementazzjoni ta' tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bħall-provvista ta' servizzi amministrattivi, finanzjarji, kummerċjali u tekniċi mill-kumpannija holding lill-kumpanniji sussidjarji tagħha (ara, f'dan is-sens, sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt, C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Minn dan isegwi li s-sempliċi interferenza ta' kumpannija holding fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha, mingħajr l-implementazzjoni tat-tranżazzjonijiet suġġetti għall-VAT skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/112, ma tkunx ikkunsidrata bħala "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-12 ta' Lulju 2001, Welthgrove, C-102/00, EU:C:2001:416, punti 16 u 17). Għaldaqstant, tali ġestjoni lanqas ma taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/112.

35 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, MVM normalment ma kienet tirċievi l-ebda remunerazzjoni mis-sussidjarji tagħha għall-ġestjoni ċentralizzata tagħha tal-attivitajiet tal-grupp. Għalhekk, konformement mal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-interferenza ta' MVM fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala "attività ekonomika", fis-sens tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112, li tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

36 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-VAT tal-input imħallsa fuq spejjeż ta' persuna taxxabbli ma tistax tagħti dritt għal tnaqqis sa fejn din tikkonċerna attivitajiet li, fid-dawl tan-natura mhux ekonomika tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/112 (sentenzi tat-13 ta' Marzu 2008, Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punt 30, u tad-29 ta' Ottubru 2009, SKF, C-29/08, EU:C:2009:665, punt 59).

37 Minn dan isegwi li MVM ma tistax tibbenefika mid-dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa għas-servizzi inkwistjoni, sa fejn dawn jirrigwardaw tranżazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/112.

38 Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-fatt li MVM eżerċitat attivitajiet oħra, bħall-kiri ta' impjanti tal-elettriku u ta' netwerks ottiċi, peress li s-servizzi inkwistjoni ma jidhrux li għandhom rabta diretta u immedjata ma' kwalunkwe attività ekonomika taxxabbli, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 29 ta' dan id-digriet, li hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

39 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, kif iddeċidiet ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 24 tas-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Larentia + Minerva u Marenave Schiffahrt (C-108/14 u C-109/14, EU:C:2015:496), jeżisti d-dritt għal tnaqqis favur persuna taxxabbli, anki fin-nuqqas ta' rabta diretta u immedjata bejn it-tranżazzjoni partikolari tal-input u tranżazzjoni jew tranżazzjonijiet tal-output li jagħtu dritt għal tnaqqis, meta l-ispejjeż tas-servizzi inkwistjoni jagħmlu parti mill-ispejjeż ġenerali ta' din tal-aħħar u jkunu, bħala tali, elementi kostituttivi tal-prezz tal-oġġetti jew tas-servizzi li hija tipprovdi. Dawn l-ispejjeż għandhom rabta diretta u immedjata mal-attività ekonomika totali tal-persuna taxxabbli.

40 F'dan il-każ, huwa paċifiku li, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, MVM eżerċitat attività ekonomika taxxabbli, jiġifieri il-kiri ta' impjanti tal-elettriku u ta' netwerks ottiċi. Issa, jidher diffiċli li wieħed jimmaġina li s-servizzi inkwistjoni, jiġifieri servizzi li kienu ġew użati fl-interess tal-membri l-oħra tal-grupp u servizzi ta' ġestjoni ta' impriża fir-rigward b'mod partikolari tal-akkwist ta' ishma, jista' jkollhom rabta diretta u immedjata ma' din l-attività ta' kiri, anki jekk ikkunsidrata fl-assjem tagħha, li hija madankollu l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

41 Barra minn hekk, MVM issostni, fl-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li hija tiġġenera, mill-1 ta' Jannar 2015, marġni benefiċjarja fuq it-tranżazzjonijiet ta' ġestjoni strateġika tal-kumpanniji li jagħmlu parti mill-grupp.

42 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, anki fl-ipoteżi li din il-ġestjoni kellha tiġi kkunsidrata bħala attività ekonomika minn din id-data, l-ispejjeż iddikjarati bejn is-snin 2008 u 2010 għall-akkwist tas-servizzi inkwistjoni ma jistgħux jagħmlu parti mill-elementi kostituttivi tal-prezz ta' dawn it-tranżazzjonijiet ġodda taxxabbli, u ma jistgħux għalhekk ikunu intitolati għat-tnaqqis tal-VAT.

43 Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, MVM sostniet ukoll li s-servizzi inkwistjoni servew l-interessi tal-grupp u, peress li s-sussidjarji tagħha kienu jeżerċitaw attivitajiet li jintitolawhom għal tnaqqis, li dawn is-servizzi għandhom rabta mal-attivitajiet ekonomiċi ta' dan il-grupp kollu.

44 Madankollu, f'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-impossibbiltà li titnaqqas il-VAT relatata mas-servizzi inkwistjoni tirriżulta mill-għażla magħmula minn MVM li ma tiffatturax is-servizzi ta' ġestjoni għall-membri tal-grupp.

45 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, minn naħa, l-imprendituri huma ġeneralment ħielsa li jagħżlu l-istrutturi organizzattivi u l-modalitajiet tranżazzjonali li huma jqisu l-iktar xierqa għall-attivitajiet tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Settembru 2013, Le Crédit Lyonnais, C-388/11, EU:C:2013:541, punt 46) u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' newtralità fiskali ma jimplikax li persuna taxxabbli li għandha l-għażla bejn żewġ tranżazzjonijiet tista' tagħżel u ssostni l-effetti tal-oħra (sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, Cantor Fitzgerald International, C-108/99, EU:C:2001:526, punt 33).

46 Fl-aħħar nett, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkonstata, skont l-eżami msemmi fil-punti 38 u 40 ta' dan id-digriet, li ċerti servizzi inkwistjoni jikkonċernaw kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll dawk mhux ekonomiċi ta' MVM, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112 ma fihomx regoli li jikkonċernaw il-metodi jew il-kriterji li l-Istati Membri huma obbligati japplikaw meta jadottaw dispożizzjonijiet li jippermettu tqassim tal-ammonti tal-VAT tal-input skont jekk l-ispejjeż relattivi jikkonċernawx attivitajiet ekonomiċi jew attivitajiet mhux ekonomiċi (sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punt 33).

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u sabiex il-persuni taxxabbli jkunu jistgħu jagħmlu l-kalkoli meħtieġa, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-metodi u l-kriterji xierqa għal dan il-għan, u dan filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji li fuqhom hija msejsa s-sistema komuni tal-VAT. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod li jiggarantixxu li t-tnaqqis isir biss għal dik il-parti tal-VAT li hija proporzjonali għall-ammont attribwibbli għat-tranżazzjonijiet li jagħtu dritt għal tnaqqis. Huma għandhom jiżguraw li l-kalkolu tal-proporzjon bejn attivitajiet ekonomiċi u attivitajiet mhux ekonomiċi jirrifletti oġġettivament il-parti ta' allokazzjoni reali tal-ispejjeż tal-input għal kull waħda minn dawn iż-żewġ attivitajiet (sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Securenta, C-437/06, EU:C:2008:166, punti 34 u 37).

48 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għad-domandi magħmula li l-Artikoli 2, 9, 26, 167, 168 u 173 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li billi l-interferenza ta' kumpannija holding, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha, meta hija ma tkunx iffatturat lil dawn tal-aħħar la bil-prezz tas-servizzi li hija akkwistat fl-interess tal-grupp ta' kumpanniji jew ta' xi wħud mis-sussidjarji tagħha u lanqas bil-VAT relatata, ma hijiex "attività ekonomika" fis-sens ta' din id-direttiva, tali kumpannija holding ma tistax tibbenefika minn dritt għal tnaqqis tal-VAT imħallsa għal dawn is-servizzi akkwistati, sa fejn dawn tal-aħħar huma relatati ma' tranżazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Fuq l-ispejjeż

49 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 2, 9, 26, 167, 168 u 173 tad-Direttiva 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu interpretati fis-sens li billi l-interferenza ta' kumpannija holding, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-ġestjoni tas-sussidjarji tagħha, meta hija ma tkunx iffatturat lil dawn tal-aħħar la bil-prezz tas-servizzi li hija akkwistat fl-interess tal-grupp ta' kumpanniji jew ta' xi wħud mis-sussidjarji tagħha u lanqas bit-taxxa fuq il-valur miżjud relatata, ma hijiex "attività ekonomika" fis-sens ta' din id-direttiva, tali kumpannija holding ma tistax tibbenefika minn dritt għat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa għal dawn is-servizzi akkwistati, sa fejn dawn tal-aħħar huma relatati ma' tranżazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

Firem